MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Numru. 1367/2010

Il-Pulizija
(Sp Robert Vella)
vs
Raymond Zahra, iben Carmel, imwieled Pieta’ fl-1 ta’ Ġunju, 1959, Karta ta’ l-Identita numru 459659(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f’dawn il-Gżejjer, fit-18 ta’ Ġunju, 2009 u fil-ġimgħat ta’ qabel din id-data, għamel falsifikazzjoni f’att awteniku u pubbliku u cioe’ liċenzja tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LAC 527 u KAJ 849 jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firrem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi

wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
2. talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, xjentment għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe' liċenzja tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LAC 527 u KAJ 849;
3. talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita pubblika u cioe' liċenzja tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LAC 527 u KAJ 849, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;
4. talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat u cioe' liċenzja tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LAC 527 u KAJ 849;
5. talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi għamel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort' oħra minn dik mogħtija minn Transport Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari;
6. talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi kif ukoll waħħal mal-vettura van Ford Transit pjanċi bin-numri tar-reġistrazzjoni li ma kienu jirreferu jew jappartjenu għal dik il-vettura partikolari.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Lulju, 2011 fefjn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 183, 184, 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 32(5) u 44(ċ) ta' l-A.L. 198 ta' l-2009 u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------